# It-Tifel li Baqa' Rieqed

Joe Axiaq

*Fl-2015, Alan Kurdi, tifel ta' tliet snin spiċċa mkaxkar mal-mewġ fuq xtajta fit-Turkija, qisu rieqed. Alan, ħuh u ommu mietu fl-aħħar attentat iddisprat biex jaslu fejn il-qraba tagħhom fil-Kanada. Alan twieled fis-Sirja meta diġà kienet bdiet il-gwerra. Missieru biss baqa' ħaj meta l-familja ħarbet fuq dgħajsa wara li kien irrappurtat li l-applikazzjoni tagħhom għal refuġju ma kinitx aċċettata.*

1.
It-tifel li raqad fuq ir-ramel
ma qamx mal-bews tal-mewġ
jaħsillu wiċċu
max-xemx ta' filgħodu
tidħaq lill-imqajmin;
baqa' rieqed joħlom il-ħolma
ta' meta jikber u jikkarga azzarin,
sakemm ġew l-anġli
u ħaduh fuq dgħajsa 'l bogħod
fejn isalvaw l-imgħarrqin.

2.

It-tifel li daħal mal-mewġ
baqa' rieqed fuq ir-ramel
jistenna 'l ħuh, lil ommu
jaslu mal-mewġ
tal-mitlufin.
U ħolom li tilef triqtu
u qiegħed f'bieb il-ġenna
jilqgħuh hemm ħuh u ommu
mal-Madonna u l-Bambin.